MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1647/2000/1

**Isabella Caruana u b'digriet tal-Qorti gew nominati Dr. Richard Sladden u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Whitney li twieldet fit-18 ta' Settembru 1997 minn relazzjoni bejn l-attrici Isabella Caruana u missier mhux maghruf.**

**vs**

**Mario Caruana; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici hija legalment separata minn zewgha Mario Caruana permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat

fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono fl-4 ta’ Lulju, 2000 (Dok. “A”);

Illi l-attrici Isabella Caruana kienet ilha separata *de facto* minn ma’ zewgha ghal snin shah qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt fuq imsemmi;

Illi l-attrici kellha tarbija mill-missier mhux maghruf li twieldet nhar it-18 ta’ Settembru, 1997, liema tifla semmietha Whitney kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta’ l-istess minuri (Dok. “B”);

Illi ghalhekk, il-missier naturali ta’ l-imsemmija minuri, Whitney, huwa missier mhux maghruf;

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, Whitney, gew registrati l-isem tal-konvenut Mario Caruana kif ukoll gew registrati l-partikolaritajiet kollha tieghu bhala missier il-minuri msemmija;

Illi ghalhekk l-istess attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri Whitney, li twieldet mill-attrici fit-18 ta’ Settembru 1997, m’huwiex il-konvenut Mario Caruana kif registrat;

2. Tiddikjara li l-missier naturali ta’ l-imsemmija minuri huwa missier mhux maghruf; u

3. Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri fis-sens illi fil-kolonni rispettivi ghal ‘Isem u Kunjom’, ‘Professjoni, sengha jew stat iehor’, ‘Eta`’, ‘Fejn Twieldu – Joqghodu’, u ‘Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ jitnehhew il-partikolaritajiet registrati u l-istess jigu sostitwiti b’dawk ta’ ‘missier mhux maghruf’ bhala missier il-minuri, Whitney.

Bl-ispejjez kontra l-konvnenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici fejn talbet sabiex jigu mahtura Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri Whitney Caruana, fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti; rat id-digriet tal-25 ta’ Settembru, 2000 fejn gew nominati Dr. Richard Sladden u l-P. L. Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-13 ta’ Marzu 2001 a fol. 20 fejn gie eccepit:

(1) Illi dwar il-mertu tac-citazzjoni odejrna huwa m’huwiex edott mill-fatti kif allegati mill-attrici;

(2) Illi wkoll bla pregudizzju, ghandu qabel xejn isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-**artikolu 254 tal-Kap.16;**

(3) Illi bla pregudizzju, peress li l-attrici qed taghmel talbiet li se jkollhom effetti rriversibbli fuq il-hajja tal-minuri in kwistjoni, jekk jintlaqghu, jinhtieg li din il-Qorti tkun tassew konvinta mill-provi migjuba qabel tiddeciedi li tilqa` t-talbiet attrici;

(4) Illi *inoltre* u bla pregudizzju, f’kaz li jintlaqghu it-talbiet attrici, ghandhom jigu kancellati l-kliem ‘*the said*’ mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta’ l-omm;

(5) Illi fi kwalunkwe kaz, ic-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghall-konvenut li allura m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

(6) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 21 tal-process;

Rat in-nota tal-konvenut Mario Caruana ta’ l-20 ta’ Marzu 2001 li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici;

Rat il-verbali ta’ l-14 ta’ Gunju 2001 fejn giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Deborah Farrugia sabiex tigbor il-provi; ta’ l-20 ta’ Novembru 2001; tal-15 t’ Ottubru 2002 fejn l-Assistenta Gudizzjarja ddikjarat li l-provi gew konkluzi u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Marzu, 2003.

Rat in-nota ta’ l-attrici tal-11 ta’ Settembru 2001 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess;

Rat in-nota tal-konvenut Mario Caruana tal-11 ta’ Settembru 2001 li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess, ta’ Maryanne Caruana u ta’ Charles Caruana;

Rat in-nota tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-25 ta’ Settembru, 2001 li biha rrizerva d-dritt ghall-kontro-ezami tax-xhieda moghtija permezz ta’ l-affidavit, ta’ Mario Caruana. Maryanne Caruana u Charles Caruana;

Rat in-nota ta’ Mario Caruana tal-5 t’Ottubru 2001 li biha esebixxa c-certifikat tat-twelid tal-minuri Whitney Caruana;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Dr. Richard Sladden u tal-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirrizervaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Dr. Richard Sladden u l-P.L. Hilda Ellul Mercer a fol. 44 u 45 tal-process;

Rat is-seduti mizmuma nhar il-15 t'Ottubru 2001; tad-29 ta' Novembru 2001 fejn xehdu l-attrici **Isabella Mercieca Caruana** u l-konvenut **Mario Caruana**;

Rat l-avviz tal-15 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat in-nota tal-konvenut **Mario Caruana** tas-6 ta' Mejju 2002 li permezz taghha ta ruhu b'notifikat bir-rikors li gie pprezentat mill-attrici fit-23 t'April 2003 u li jaqbel mat-talba attrici;

Rat ir-rikors ta' l-**attrici** ta' l-1 ta' Gunju 2001 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tezenta lil Mario Caruana milli jiffirma l-formola ghall-hrug tal-passaport u tawtorizza l-hrug ta' l-istess passaport ghall-minuri, Whitney;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti ordnat li ssir notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta;

Rat ir-risposta ta' Mario Caruana tat-3 ta' Lulju 2001;

Rat id-digriet tat-28 ta' Jannar 2002, fejn il-Qorti tichad it-talba *stante* li ghadha kemm giet a konjizzjoni tar-rikors u li t-talba tirreferi ghas-sajf tas-sena 2001;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KOSTATAZZJONIJIET.

### I) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Isbella Caruana llum Mercieca**, fl-affidavit taghha stess tghid:-

*"Illi jiena legalment separata minn ma' zewgi Mario Caruana. Ahna sseparajna permezz ta' kuntratt li sar min-Nutar Dr. Joseph Debono fl-4 ta' Lulju 2000.*

*Illi fit-18 ta' Settembru 1997, jiena wellidt lil Whitney fl-Isptar Karen Grech.*

*Illi jiena u Mario Caruana konna ilna snin twal bl-inkwiet. Kien f'Ottubru 1996 li jiena kont bdejt proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Kien fil-bidu nett tas-sajf ta' l-1996 li jiena kont gbart ftit hwejjeg u tlaqt mid-dar u mort nghix ghal rasi. Minn dakinhar qatt ma rgajt irfist fid-dar. Nghid ukoll li Mario qatt ma dahal ghandi, u kien jigi biss biex jigbor lit-tifla Mandy, ta' disa` snin. It-tifla kienet tkun qeghda tistennih fil-gallarija, u kif jasal kien ipaqpaq u t-tifla tinzel.*

*Illi anke qabel ma tlaqt mid-dar, jiena u Mario konna ilna minn xi tlett snin qabel ghaddejjin bl-inkwiet. Fil-fatt konna ilna minn dan iz-zmien norqdu fi kmamar separati u kull wiehed minnha kien jghix hajtu.*

*Illi waqt it-tqala jiena kelli nfendi ghal rasi u hadt hsieb kollox jiena. Minn naha ta' Mario jiena kont qtajt kull kuntatt minn mieghu minn meta tlaqt mid-dar. Ghandi nghid li jiena kont narah biss meta kien ikollna xi seduta fil-Qorti, jew meta kien jigi ghat-tifla. Nixtieq inzid li s-separazzjoni kienet missielta u niftakar li f'dan iz-zmien konna telghin u nezlin il-Qorti dejjem niggieldu.*

*Illi Mario kien jaghtini manteniment biss fir-rigward ta' Mandy. Ovvjament hu qatt ma tani xejn fir-rigward ta' Whitney ghaliex kont naf li huwa m'huwiex missier it-tarbija.*

*Illi rigward manteniment tat-tifla nghid li jiena niehu hsieb kollox. Inzid ukoll li kemm Mario kif ukoll il-familja tieghu, qatt ma kellhom ebda kuntatt mat-tifla, Whitney."*

Il-konvenut **Mario Caruana** fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi nikkonferma li permezz ta' kuntratt pubbliku datat 4 ta' Lulju 2000, jiena sseparajt minn ma' marti Isabella Caruana. Miz-zwieg kellna tifla wahda, Mandy u f'Awissu 2001 ser taghlaq ghaxar snin.*

*Illi fit-23 t'Ottubru 1996, il-mara tieghi kienet bdiet proceduri ta' separazzjoni quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Nghid li fil-bidu tas-sajf 1996 ma konniex bqajna nghixu flimkien. Id-dar kont bqajt nghix fiha jiena peress li kienet tieghi qabel iz-zwieg. Minn naha taghha l-mara marret tghix f'post Haz-Zabbar. Nista` nghid li matul dawn iz-zminijiet jiena u marti kellna gwerra shiha ghaddejja u konna telghin u nezlin il-Qorti. Konna ilna ghaddejjin bl-inkwiet minn xi tlett snin qabel. Tant hu hekk li matul dawn is-snin lanqas konna nghixu hajjitna u l-ftit li konna nitkellmu kien ghall-bzonn.*

*Illi minn meta l-mara telqet mid-dar, qatt ma ergajna ghixna flimkien. Anzi minn dakinhar meta ma bqajniex nghixu taht l-istess saqaf, jiena qatt ma dhalt ghandha u hi qatt ma regghet dahlet ghandi.*

*Illi kont sirt naf li l-mara kienet harget tqila meta kont wassalt lit-tifla Mandy wara l-access, u rajt lill-mara fil-bieb ta' barra. Nghid li waqt it-tqala taghha jien qatt ma ghint lill-mara f'xejn u ma kelli ebda nteress fiha.*

*Illi wara sirt naf li f'Settembru 1997, il-mara kienet welldet tarbija. Minn naha tieghi, jiena kont inhallas manteniment ghall-minuri Mandy, skond l-ordni tal-Qorti. Dwar it-tarbija li welldet il-mara, jiena qatt ma kelli x'naqsam xejn.*

*Illi fil-kuntratt tas-separazzjoni, fi klawsola 2 (c) gie ddikjarat li t-tarbija li kellha l-mara ma kenitx tieghi. Jiena kont sirt naf li l-mara kellha tifla propju ghax qaltli binti.*

*Illi l-ewwel darba li rajt lit-tarbija kien meta mort nigbor lil Mandy fil-hin ta' l-access. Niftakar li rajt lil marti tirkeb karozza misjuqa minn ragel bit-tarbija f'idejha.*

*Illi jiena qatt ma nteressajt ruhi f'xejn f'dak li jirrigwarda t-tarbija li kellha l-mara u dan propju ghaliex m'hijiex binti. Huma biss okkazjonijiet rari li jiena nzertajt rajt lit-tifla li kellha l-mara. Dawn kienu propju meta jien inwassal lura lil Mandy ghand il-mara."*

## II) PRINCIPJI LEGALI.

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attrici u mill-istess minuri tramite l-Kuraturi Deputati, hija wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita’ ta’ l-ulied u cjoe’:-

(a) L-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ *denegata paternita’* a bazi ta’ l-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *“pater est quae iustiae demonstrat”,* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm m’huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* ta’ l-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta’ iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta’ din l-azzjoni nghad fil-kawza **“Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et”** (A.C. 14 ta’ Jannar 1952):-

*“Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta’ paternita’ hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta’ stat konformi ma’ l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta’ dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f’illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilta’ fizika ta’ koabitazzjoni tal-prezenti ġenituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta’ l-azzjoni ta’ ricerka tal-paternita’ tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta’*

*fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi ma' l-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (A. J. M.) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, m'ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali ta' l-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha.*

*Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.*

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lil diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi ta' l-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess ta' l-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah

legittimu, huwa ma jkunx jippossjedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (P.A.(RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** ma' l-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilta' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu m' huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna,*

*peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel ma' l-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss ma' l-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess ta' l-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi ta' l-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilta' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti ta' l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. (RCP) deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit. Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. (RCP) deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru: 190/97/RCP); **"Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. (RCP) deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u f'diversi sentenzi ohra mill-Qrati nostrali nkluz minn din il-Qorti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li l-ligi giet sodisfatta nkwantu jirrigwarda t-talbiet attrici u dan peress li mill-provi jirrizulta konkludentement illi l-minuri hija frott ta' relazzjoni li kellha l-attrici ma terza persuna mhux

maghrufa, u dan peress li jidher car mill-istess provi li minkejja l-fatt li l-konjugi Caruana sseparaw legalment biss fl-4 ta’ Lulju 2002, huma kienu ilhom ma jghixu flimkien mis-Sajf tas-sena 1996, tant li f’Ottubru 1996 inbdew il-proceduri ta’ separazzjoni bejn l-istess kontendenti li finalment waslu ghall-kuntratt ta’ separazzjoni fuq citat.

Illi jidher ukoll mill-provi li t-terminu msemmi mill-ligi jinsab ukoll sodisfatt ghaliex it-tarbija twieldet fit-18 ta’ Settembru 1997 u l-konjugi Caruana kien ilhom ma jkollhom relazzjoni flimkien mhux biss mid-data meta l-attrici telqet mid-dar fis-Sajf tan-1996, izda anke qabel, tant li ghal tlett snin shah qabel l-ahhar imsemmija data, huma kienu qed jorqdu separatament minn xulxin u ghalhekk jirrizulta wkoll li fit-termini stipulati mill-ligi kien hemm l-impossibilita` fizika dettata mill-ligi sabiex jinghad li l-istess minuri ma jistax ikun wild tal-konvenut Mario Caruana u dan jinsab kategorikament ikkonfermat mix-xhieda rispettiva taghhom li bl-ebda mod ma giet kontestata.

Illi apparti dan, jirrizulta wkoll li dan l-istess minuri qatt ma kellha l-istat ta’ bint legittima, tant li r-ragel ta’ l-attrici Mario Caruana, qatt ma kkonsidra l-istess minuri bhala bintu u kien jippresta biss manteniment ghall-unika wild li kien hemm fiz-zwieg Mandy Caruana kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni tal-4 ta’ Lulju 2000 ippublikat min-Nutar Joseph Debono.

Illi tant hu minnu dan kollu, li fl-istess kuntratt ta’ separazzjoni jidher li l-konjugi Caruana qablu li Whitney Caruana, l-minuri mertu tal-kawza odjerna kienet frott ta’ relazzjoni li l-istess attrici kellha barra miz-zwieg, u li ghalhekk m’hijiex il-wild naturali tal-konvenut Mario Caruana.

Illi apparti dan jidher li l-istess minuri qatt ma giet ikkonsidrata bhala bint l-imsemmi konvenut Mario Caruana, ir-ragel ta’ l-attrici, tant li l-istess konvenut qatt ma kellu kuntatt ma’ l-istess minuri u qatt ma pprovda ghaliha. Kienet biss l-attrici li mit-twelid taghha sal-llum hadet hsieb il-bzonnijiet kollha ta’ l-istess minuri u

ghalhekk jidher car li l-istess minuri qatt ma kellha jew gawdiet l-istat ta’ bint legittima.

Illi ghalhekk minn dan jidher li r-rekwiziti ta’ l-**artikolu 77 tal-Kap 16** gew ilkoll sodisfatti *stante* li fit-terminu ndikat fl-istess artikolu r-ragel ta’ l-attrici qatt ma kellu jew seta’ jkollu relazzjoni ma’ l-istess martu u dan kollu skond l-interpretazzjoni ta’ l-istess **artikolu 77** moghtija u kkonfermata diversi drabi minn dawn il-Qrati tant li dwar il-kuncett ta’ *“impossibilita’ fizika”* hemm indikata fl-istess dispozizzjoni tal-ligi, wiehed jirreferi ghas-sentenza **“Ronald Bray vs Charmaine Bray et”** (P.A. (N.A.) 19 ta’ Novembru 1997) fejn inghad li *“l-impossibilita’ fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b’xi mod il-koncepiment tat-tarbija”* **(“Noelle Spiteri vs Ernest Cilia”** P.A. (N.A.) 30 ta’ Jannar 1998; **“Francis sive Frank Xuereb vs Maria Bonello” (**P.A. (RCP) 22 ta’ Marzu 2002).

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.
**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, id-Direttur Registru Pubbliku, in kwantu l-istess jikkontrastaw ma’ l-azzjoni attrici, u fuq ammissjoni tal-konvenut Mario Caruana, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri Whitney, li twieldet mill-attrici fit-18 ta’ Settembru 1997, m’huwiex il-konvenut Mario Caruana kif registrat;

2. Tiddikjara li l-missier naturali ta’ l-imsemmija minuri huwa missier mhux maghruf; u

3. Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri fis-sens illi fil-kolonni rispettivi ghal ‘Isem u Kunjom’, ‘Professjoni, sengha jew stat iehor’, ‘Eta``, ‘Fejn Twieldu – Joqghodu’, u ‘Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ jitnehhew il-partikolaritajiet registrati u l-istess jigu sostitwiti b’dawk ta’ missier mhux maghruf bhala missier il-minuri, Whitney,

inkluz li l-kelma '*the said*' tigi mnehhija mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm fl-istess certifikat.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16**.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-istess attrici *proprio*, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti u l-atturi l-ohra, b'dan li l-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi wkoll mill-istess attrici.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------